MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 836/2006

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Albert Scerri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta` Settembru, 2006 fejn intalab li l-konvenut kellu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mija u sebgha u erbghin lira u tmienja u erbghin centezmu (Lm147.48), rapprezentanti ammonti li kien dovut in konnessjoni ma` servizz tat-telefon bin-numru 21583166 skond id-dokumenti ezebiti u mmarkati bhal Dok. A u Dok. B.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta ghal kontestazzjoni ta` l-istess talba.

Sema` x-xhieda ta` Dr. Keith Grech li kkonferma li l-ammont kien ghadu dovut sal-gurnata ta` llum.

Ra d-dokumenti ezebiti.

Ra li l-konvenut ghalkemm imsejjah tlett darbiet baqa` ma deherx sabiex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma mitluba ta` mija u sebgha u erbghin lira u tmienja u erbghin centezmu (Lm147.48), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------